**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/540/UE, tal-20 ta’ Diċembru 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 25/08 (ex NN 23/08) – Riforma tal-mod ta’ finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat li jaħdmu ma’ France Télécom imwettqa mir-Repubblika Franċiża favur France Télécom implementata mir-Repubblika Franċiża favur France Télécom (ĠU 2012, L 279, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 174, 16.6.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta’ Frar 2015 – Orange vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-385/12)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat — Irtirar — Għajnuna li tirrigwarda r-riforma tal-mod ta’ finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat li jaħdmu ma’ France Télécom — Tnaqqis tal-korrispettiv li għandu jitħallas lill-Istat minn France Télécom — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet — Vantaġġ — Natura selettiva — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Drittijiet tad-difiża”)***

(2015/C 118/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Orange, li kienet France Télécom (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: S. Hautbourg u S. Cochard-Quesson, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, D. Grespan u B. Stromsky, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/540/UE, tal-20 ta’ Diċembru 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 25/08 (ex NN 23/08) riforma tal-mod ta’ finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat li jaħdmu ma’ France Télécom imwettqa mir-Repubblika Franċiża favur France Télécom (ĠU 2012, L 279, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Orange għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 311, 13.10.2012.